# Id-Doni ta' l-Ispirtu s-Santu (6-7)

IL-PJETÀ



IL-BIŻA' T'ALLA

Dawn iż-żewġ doni ta' l-Ispirtu s-Santu huma kumplimentari għal xulxin. Permezz tal-pjetà, nikbru f'atteġġjament ta' adorazzjoni lejk, Alla Missier. Nikbru fl-imħabba lejk u fl-għotja tagħna lilek, filwaqt li nagħrfu l-maestà divina tiegħek u nagħtuk il-ġieħ u l-qima li jistħoqqlok.

L-Ispirtu Qaddis jgħallimna kif dawn id-dispożizzjonijiet qaddisa jkunu f'armonija bejniethom fil-ħajja spiritwali tagħna.

Id-don tal-pjetà iqawwi l-qlub ta' dawk kollha li ma' San Pawl jistqarru b'umiltà li "aħna anqas biss nafu nitolbu kif imiss, imma l-Ispirtu stess jidħol għalina bit-talb tiegħu bi tnehid li ma jistax jitfisser bil-kliem" (Rum 8,26). Aħna u nħaddnu dan id-don fil-ħajja tagħna, nidħlu f'rabta aktar intima miegħek, Mulej. Qalbna tibda tħabbat f'sintonija mal-"qalb ħanina" (Lq. 1, 78) tiegħek. Insiru strumenti effikaċi f'idejk, u hekk, il-qaddej tiegħek "jkun perfett, imħejji għal kull ħidma tajba" (2 Tim. 3, 17).

Fl-aħħarnett, il-biża (servili) li ġej mill-kastig, imma jinkludi tarġa ogħla – il-biża (filjali) li jġegħelna naħarbu d-dnub għax dan joffendi lilek, Missier Qaddis.

Il-Kelma qaddisa tiegħek bosta drabi ssemmi dan id-don li bih l-Ispirtu jimlina b'atteġġament ta' reverenza quddiemek. Mas-salmista ntennu: "Il-biżà tal-Mulej sinċier, u jibqa' għal dejjem" (Salm 19,10), u ma' l-awtur sagru tal-ktieb tal-Proverbji ngħidu: "Il-biżà tal-Mulej jobgħod il-ħażen" (Prov. 8, 13); "Il-biżà tal-Mulej hu għajn tal-ħajja, bih wieħed jeħles mix-xibka tal-mewt" (Prov. 14,27); u "Il-biża' tal-Mulej hu l-bidu ta' l-għerf" (Prov. 1,7). B'dan l-atteġġament ġewwa fina u mwettqin b'dan id-don tiegħek, naslu biex induru lejk bi spirtu ta' umiltà, ta' reverenza u ta' adorazzjoni, u nistqarru: "min, Mulej, ma jibżax minn ismek, min ma jsebbħux?" (Apok. 15,4).

Aqra w irrifletti: "L-imħabba ta' Alla ssawwbet fi qlubna permezz ta' l-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna" (Rum. 5,5). "Il-biżà tal-Mulej hu tagħlim il-għerf; u biex tasal għall-ġieħ, trid tiċċekken" (Prov. 15,33). "Int turi l-qawwa t'Alla bis-seba' doni tiegħek" (mill-Veni Creator). "Agħti s-seba' doni tiegħek lil min jimxi fidil miegħek u li fik jistrieħ kull ħin' (Mis-Sekwenza tal-Pentekoste).

Fr. Hector Scerri